# Diretturi Mużikali tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni

## *mill-1880 sas-Sena 2005*



**Mro. Vincenzo Camilleri** ***Fundatur*** **(1880-1883)**
Twieled il-Belt Valletta nhar is-Sibt 3 ta' Novembru 1821 minn Enrico u Catherina née Abdilla. Miet ukoll fl-istess lokalità fejn twieled nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru 1897. Mużiċista mar-Reġiment *Royal Malta Fencible* u fuq diversi bastimenti navali Ingliżi, kompożitur kif ukoll għalliem tal-mużika.



**Mro. Gavino Camilleri (1883-1891)**
Twieled il-Belt Valletta nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 1853 minn Vincenzo u Marija Grazzja née Fava. Miet il-Furjana nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru 1914. Vjolinista fit-Teatru Rjal, fil-Katidral u f'diversi knejjes oħra inkluż dik ta' Ħal Luqa, kurnettista di concerto, u mhux inqas kompożitur ta' mużika varja kif ukoll għalliem tal-mużika.



**Prof. Mro. Gaetano Grech M.A.C.R.B. (1891-1904)**
Twieled l-Isla nhar l-Erbgħa 19 ta' Settembru 1855 minn Anġlu u Tereża née Fiammingo. Miet Raħal Ġdid nhar il-Ħamis 17 ta' Marzu 1938. Direttur mużikali akkademiku onorarju mid-Duka ta' Edinburgh, professur tal-mużika bl-onorifiċenza ta' Catania, *Membro Accademico Circolo Real Bellini* mogħtija lilu fis-sena 1894, ippremjat f'Londra b'midalja fl-Espożizzjoni Kolonjali, onorat mis-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattur u Kummerċ, kompożitur rinomat u arranġatur tal-mużika kif ukoll direttur ta' diversi baned ċivili u anke militari Maltin.



## Chev. Mro. Orlando Crescimanno (1904-1912)

Twieled l-Isla nhar l-Erbgħa 13 ta' Frar 1861 minn Giovanni Orlando u Michelina née Bonnici. Miet il-Ħamrun nhar is-Sibt 22 ta' Diċembru 1923. Għalliem tal-mużika, mużiċista bil-vjola fit-Teatru Rjal ta' Malta u bħala direttur ta' l-orkestra fis-sena 1901, daqq ukoll fil-kappelli ta' Nani, Bugeja u oħrajn, kompożitur u arranġatur ta' ħafna mużika popolari.

## Mro. Emanuele Spiteri R.M.A. (1912-1920)



Twieled il-Belt Valletta nhar l-Erbgħa 10 ta' Diċembru 1879 minn Giovanni Pietro u Anna née Balzan. Miet fis-sena 1946. Klarinettista magħruf, membru permanenti tar-*Royal Malta Artillery* bħala mużiċista, kwalifikat bħala surmast ta' l-ewwel klassi minn *the Royal Military School of Music Kneller Hall* ta' l-Ingilterra b'għotja ta' *warrant*, mużikant ta' livell għoli ħafna, għalliem u kompożitur ta' fama.



## Mro. Vincenzo Costa R.M.A. (1920-1921)

Twieled Birkirkara nhar it-Tlieta 29 ta' Novembru 1881 minn Carmel Costa u Rosa née Mifsud. Miet nhar il-Ħadd 18 ta' Ġunju 1950 f'Birkirkara stess. Band sergeant mal-Banda tar-*Royal Malta Artillery*, eufonista di concerto, organista ċelebri, direttur mużikali ma' baned lokali, kompożitur u għalliem tal-mużika.

## Mro. Salvatore Mallia R.M.A. (1921-1937)



Twieled is-Siġġiewi nhar is-Sibt 21 ta' Settembru 1872 minn Nikola Mallia u Rosa née Scicluna. Miet nhar il-Ġimgħa l-Kbira 26 ta' Marzu 1937 is-Siġġiewi stess. Kien *band seargeant* mal-banda tar-*Royal Malta Artillery*, eufonista solista u mfittex minn bosta baned għall-abbiltà li kellu, direttur ma' baned oħra, arranġatur mill-aqwa ta' żmienu fil-qasam operistiku speċifikament dak kordli, kompożitur ta' mużika varja, għalliem u kunċertatur mill-aħjar tal-mużika. Ipparteċipa fil-Kampanja Militari ta' l-1914 *Expeditionary Force Malta* fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinija.



## Mro. Giuseppe Casapinta F.L.C.M. (1937-1938)

Twieled il-Ħamrun nhar it-Tlieta 23 ta' Novembru 1897 minn Salvatore u Rosina Casapinta. Miet Ontario l-Kanada f'Settembru 1971. Kompożitur, għalliem u direttur, ikkwalifikat bid-diplomi tal-Kulleġġ tal-Mużika ta' Londra li huma tlieta: *Associateship of the London College of Music* (A.L.C.M.), fil-Liċenzjat (L.L.C.M.), u fil-*Fellowship* (F.L.C.M.), meta kien l-ewwel ċittadin Malti li għamel din il-kisba tant prestiġjuża fil-qasam mużikali, Direttur Mużikali fis-Seminarju Arċiveskovili l-Furjana, *Maestro di Cappella*, okkupa l-kattedra ta' *lecturer* tal-mużika ta' l-orkestra f'Detroit l-Istati Uniti ta' l-Amerika, fejn għal diversi drabi deher fuq it-television u radju bit prominenza.



## Mro. Charles Xuereb K.O.M.R. (1938-1945)

Twieled il-Furjana nhar l-Erbgħa 18 ta' April 1990 minn Enrico u Tonina née abela. Miet nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 1989 ġewwa New South Wales l-Awstralja. Kurunettista mal-Banda Militari Maltija tal-Militia, mużiċista, għalliem u direttur tal-mużika mal-flotta Navali Ingliża fuq dawn il-bastimenti: *H.M.S. Concorde, H.M.S. Corradox, H.M.S. Coventry, H.M.S. Cairo, H.M.S. Delhi*. Ġie mogħti ċ-ċertifikat C-in-C, solista fit-Teatru Rjal, daqq ukoll ma' diversi baned lokali ċivili u knejjes, mogħti testimonjal personali mill-Ġeneral Schreiber li kien Gvernatur, direttur mużikali Militari mal-Banda tal-*King's Own Malta Regiment*, marshall bandmaster ma' 1st Bn. *King's Own Malta Regiment* ġewwa l-Awstralja, bandmaster warrant officerta' 3rd Battalion New South Wales Regiment, daqq ma' orkestra ta' sittin ruħ li akkumpanjat ballet Russu, surmast ta' Jazz Band fil-*Vernor Club* tal-Belt Valletta u r-Rockvaill San Ġiljan.



## Mro. Joseph Abela Scolaro F.L.C.M. (1945-1979)

Twieled il-Ħamrun nhar l-Erbgha 9 ta' Frar 1910 minn Carmelo u Margerita née Camilleri. Miet nhar il-Ġimgħa l-Kbira 27 ta' April 1979 f'Santa Venera. Kompożitur ta' fibra qawwija, pjanista mill-aqwa ta' kull żmien, direttur ċelebri tal-mużika, għalliem u traskrittur tal-mużika, rebbieħ għal ħafna drabi f'konkorsi mużikali kemm lokali u anke internazzjonali bl-ewwel klassifikazzjoni, ikkwalifikat bid-diplomi tal-Kulleġġ tal-Mużika ta' Londra: *Associate* (A. Mus. L.C.M.), *Licenciate* (L. Mus. L.C.M.), u fil-*Fellowship* (F.L.C.M.), direttur mużikali ta' korijiet, orkestri u diversi baned ċivili Maltin.



**Sen. Profs. Charles E. Zammit Ph.D., D. Mus., G.L.S.M., F.L.C.M., F.L.S.M., F.V.C.M., F.G.M.S., F.C.M.S., F.C.S.M., F.R.S.A., F.B.C.M., F.W.T.C., F.I.B.A, F.N.S.C.M., F.A.S.C. (1979- )**

Twieled il-Ħamrun nhar il-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni 8 ta' Diċembru 1933 minn Esposito u Gaetana Zammit. Eufonista u mużiċista tal-pianoforte, direttur mużikali impekkabbli u kompożitur ta' valzi, marċi (popolari u funebri), sinfoniji, suites, preludji, fantasiji, mużika korali u dik sagra bħal antifoni u quddies eċċ.; pubblikatur ta' diversi kotba relatati mat-tagħlim mużikali madwar id-dinja, mużiċista mal-Banda Militari Ingliża tar-*Royal Air Force*, għalliem tal-mużika, konċertatur bil-pianoforte fuq ir-Rediffusion u preżentatur ta' programmi fuq bosta radjijiet lokali, onorat b'dawn l-onorifiċenzi internazzjonali; 3 midalji tad-deheb mill-Istati Uniti ta' l-Amerika, l-Ingilterra u Malta rispettivament; 2 tal-fidda mir-Renju Unit; 1 tal-bronż mill-Olanda; Midalja ta' Albert Einstein M.I.D.I. mill-Ġermanja; Hon. Prof. *Academie Des Sciences Humaines Universelles* (Chaire de Psychologie) ta' Pariġi; Lifelong Member and Hon. Doctor of Music, Australian Institute for Co-ordinated Research; membru ta' Academie des Intellectuel, tal-Fergħa Ġermaniża; Kavallier ta' *Circulo Nobilario de los Caballeros Universales* ta' Spanja, u ta' *The Order of the Holy Cross of Jerusalem Grand Priory of the United States of America*; membru sħiħ ta' l-Università *Mozarteum* ta' Salzburg; *International Educator of the Year 2004*, Cambridge; membru fil-*Music Education Council*, Londra; *5-Star Leader Award*, A.B.I., U.S.A.; *Men's Inner Circle of Achievement*, A.B.I., U.S.A.; *The International Cultural Diploma of Honour*, U.S.A. dottorat fil-mużika mill-Università Pacific Western ta' Los Angeles u ieħor minn dik ta' Sommerset, għaxar *fellowships* flimkien ma' numru ieħor ta' *degrees* u diplomi minn istituzzjonijiet varji. Rebaħ l-Ewwel Premju għall-Innu ta' Ħal Luqa (1972); Ġieħ Ħal Luqa, Kunsill Lokali, Luqa 2002; fundatur ta' bosta soċjetajiet u istituzzjonijiet edukattivi u mużikali madwar Malta, Senatur u Konsulent Mużikali fil-Parlament Internazzjonali għas-Sigurtà u Paċi ta' Palermo, Overseas Warden – Cambridge, Eżaminatur mal-*Guild of Musicians and Singers* ta' Londra, *visiting lecturer* – M.I.D.I., direttur ta' baned ċivili, korijiet u orkestra.